

32000D0508(01)

L 204/44

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.8.2000

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Awissu 2000

li temenda d-Deċiżjoni rigward l-importazzjoni ta' equidae mill-Brażil

(notifikata bid-dokument numru Ċ(2002) 2490)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/508/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn terzi pajjiżi ta' l-equidae⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 13(2) li joħroġ minnu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE⁽²⁾, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2000/163/KE⁽³⁾, li twaqqaf ir-reġjonalizzazzjoni ta' ċerti terzi pajjiżi għall-importazzjoni ta' l-equidae.
- (2) L-Istati ta' Sergipe u Ceará tal-Brażil huma nklużi fil-lista ta' l-Istati tal-Brażil fl-Anness tad-Deċiżjoni 92/160/KEE minn fejn l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-equidae.
- (3) Il-Brażil irraportat każi tal-marda tan-nefħa taħt ix-xedaq fiż-żwiemel tax-xogħol f'ċerti distretti ta' l-Istati ta' Sergipe u Ceará. L-oriġini ta' l-infezzjoni għada s'issa mhux magħrufa.
- (4) Skond il-liġijiet tal-Komunità l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw l-equidae minn terzi pajjiżi jew fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni uffiċjali minn partijiet mit-

territorju ta' terza pajjiż li huwa ħieles mill-marda tan-nefħa taħt ix-xedaq għal sitt xhur qabel l-esportazzjoni. Huwa għalhekk xieraq li tkun adottata r-reġjonalizzazzjoni għas-sitwazzjoni tal-marda fil-pajjiż konċernat.

- (5) Il-miżuri li hemm provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Veterinarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kelmiet "Sergipe" u "Ceará" huma mħassra mill-lista ta' l-Istati tal-Brażil fl-Anness tad-Deċiżjoni 92/160/KEE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussell, fl-10 ta' Awissu 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42.

⁽²⁾ ĠU L 71, tat-18.3.1992, p. 27.

⁽³⁾ ĠU L 51, ta' l-24.2.2000, p. 46.